MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2012

Citazzjoni Numru. 426/2012

**Amanda Vella u Andre' Zahra f'isimhom proprju kif ukoll għan-nom u fl-interess ta' binthom minuri Tyona Zahra**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fis-27 ta' April 2012 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

**Dikjarazzjoni tal-fatti:-**

1. Illi l-imsemmija Tyona Zahra twieldet nhar l-20 ta' Jannar 2008 ġewwa Tal-Qroqq, l/o Msida, mir-rikorrenti Amanda Vella u Andre' Zahra, hekk kif jidher mill-Att tat-Twelid tal-imsemmija minuri, hawn anness u mmarkat bħala "Dok A";

2. Illi fuq l-imsemmi Att ta' Twelid tal-minuri Tyona Zahra, liema att għandu n-numru ta' iskrizzjoni ħamsa ħamsa sitta tas-sena elfejn u tmienja (556/2008) jikkontjeni żball fis-sens illi isem l-istess minuri ġie erronjament indikat bħala "Tyona" mentri dan l-isem kelli jiġi ndikat bħala "Teyona";

3. Illi r-rikorrenti għalhekk, għan-nom u fl-interess ta' binthom minuri hawn imsemmija, jixtiequ jipprevalixxu ruħhom mid-dispożizzjoni tal-Artikolu 253 *et seq* tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex issir id-debita korrezzjoni fl-Att tat-Twelid msemmi;

**Raġunijiet tat-Talba:-**

1. Illi mill-premess jirriżulta ampjament ċar illi l-isem li bih ġiet reġistrata l-minuri m'huwiex l-isem li għażlu l-ġenituri tal-imsemmija minuri u dan qiegħed joħloq diffikultajiet lill-istess minuri *stante* li hi mdorrija bl-isem li tawha l-ġenituri tagħha, filwaqt li issa li bdiet l-iskola, qed tkun rinfaċċata b'isem uffiċjali li m'huwiex tagħha, la fil-kitba u wisq anqas fil-pronunzja;

2. Illi jekk ma ssirx il-korrezzjoni mtiluba, din il-konfużjoni se tibqa' tirrepeti ruħha anke f'relazzjonijiet futuri mal-ħajja ċivili u akkademika tal-istess minuri;

3. Illi għalhekk qegħda ssir din il-kawża;

**Talba**:

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, jgħid l-intimat għaliex dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, inkluż l-Avviż lill-partijiet *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta:-

1. Tiddikjara li l-isem tal-minuri għandu jkun "Teyona" u mhux "Tyona";

2. Tordna sabiex jiġi korrett iċ-ċertifikat tat-twelid tar-rikorrenti, hawn anness u mmarkat bħala "Dok A", minnu maħruġ bin-numru ħamsa ħamsa sitt tas-sena elfejn u tmienja (556/2008), fis-sens li fil-kolonna ntestata "Isem il-Wild" l-isem "Tyona" jiġi kkanċellat u sostitwit bl-isem "Teyona";

3. Tordna illi l-bdil affettwat fl-Att tat-Twelid tal-minuri jiġi rifless f'kull att tal-istat ċivili ieħor relattiv tal-istess minuri.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li minn issa huwa nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut, Direttur tar-Reġistru Pubbliku ppreżentata fit-22 ta' Mejju 2012, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi *in linea* preliminari jingħad illi huwa meħtieġ li tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero' li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

3. Illi finalment mingħajr ħsara għall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti, tenut kont ukoll tal-fatt li kienu missier u omm il-minuri stess, u ċjoe' Andre Zahra u Amanda Vella li kienu għamlu d-dikjarazzjoni fl-Att tat-Twelid *de quo* (kopja ta' dan l-att huwa hawn anness u mmarkat bħala Dok A) u kienu anke ffirmaw li l-informazzjoni li hemm kontenuta kienet waħda korretta;

4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi nġunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut, Direttur tar-Reġistru Pubbliku u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits;

Rat illi fil-verbal tas-seduta tat-18 ta' Gunju 2012 il-kawża ġiet differita għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-atturi qed jagħmlu din it-talba *ai termini* tal-Artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja, korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-Artikolu 254 saret debitament.

Illi t-talba attriċi fir-rigward hija evidentement ġustifikata billi kif huwa ċar li sar żball, jidher pero' li l-konvenut ma jaħtix għall-iżball u għalhekk m'għandux ibati spejjeż. It-tielet talba pero' ma tistax tiġi milqugħa *ai termini* tal-Artikolu 253 (3).

**Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' l-ewwel żewġ talbiet tal-atturi kif dedotti, iżda tiċħad it-tielet talba.**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu a kariku tal-atturi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------